# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.26

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA BIEX TINĠIEB 'IL QUDDIEM L-UGWALJANZA RAZZJALI

30 ta' April, 2007

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 413 ta' l-2007.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika biex Tingieb 'il Quddiem l-Ugwaljanza Razzjali. Titolu.

Il-Ligi Internazzjonali

Delitti ta' mibegħda razzjali biex jillimitaw jew jirrestringu l-espressjoni ħielsa jsemmihom l-Artiklu 4 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar it-Tneħħija ta' kull Xorta ta' Forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali - liema Konvenzjoni żżomm magħha Malta wkoll - fejn tgħid li:

> "Għaqdiet statali jikkundannaw kull propaganda u kull organizzazzjoni mibnija fuq ideat jew teoriji ta' superjorità ta' xi razza jew grupp ta' persuni ta' kulur jew oriġini etnika, jew li b'xi mod jippruvaw jiġġustifikaw jew iġibu 'l quddiem il-mibegħda razzjali u d-diskriminazzjoni f'kull forma, u jintrabtu li fil-pront jieħdu l-passi kollha xierqa maħsuba biex jaħsdu kull tixwix jew għemil, għal din id-diskriminazzjoni, u għal dan il-għan ......... jiddikjaraw li t-tixtrid ta' dawn l-ideat mibnija fuq superjorità jew mibegħda ta' razza, it-tixwix jew id-diskriminazzjoni razzjali, kif ukoll l-atti ta' vjolenza jew it-tixwix għal dawn l-atti kontra xi razza jew grupp ta' persuni ta' xi kulur jew oriġini etnika ohra, kif ukoll kull provvediment ta' għajnuna, ukoll finanzjarja, lill-attivitajiet razzisti hi offiża punibbli bil-liġi, .........".

Il-komunità internazzjonali tant tħares bi tħassib kbir lejn l-attivitajiet mibnija fuq il-mibegħda razzjali li n-Nazzjonijiet Magħquda titlob lill-Istati Membri biex ibarru għemejjel bħal dawn. Ma hemm ukoll ebda dubju li liġijiet bħal dawn jirfsu fuq l-espressjoni ħielsa. Madankollu, il-fatt li jsir diskors razzjali ma jfissirx li awtomatikament l-istat irid jikkastigah. Jekk ikun hemm theddida għall-ordni demokratika jew għat-teħid bażiku ta' stati demokratiċi b'tali mod li d-diskors jintqies meħtieġ fl-interess nazzjonali tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' oħrajn u fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, allura din tista' tieħu xejra oħra. Fi kliem ieħor, l-espressjoni ħielsa kif imsemmija kemm fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u tal-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem (kif ukoll fi strumenti oħra internazzjonali bħalma huma l-Patt Internazzjonali dwar il-Jeddijiet Ċivili u Politiċi tan-Nazzjonijiet Magħquda, eċċ) iħallu bħala eċċezzjoni ċertu diskors li jaqa' taħt il-limitazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 41(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u

tal-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Il-Liġi Ewropea

Minbarra l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u tal-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, għandha wkoll issir referenza għall-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 7 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar it-Televiżjoni Transfruntieri li tgħid hekk:

> "Kull ħaġa mdaħħla fil-programmi, li jkollha x'taqsam ma' dak li jkun fihom kif ukoll mal-preżentazzjoni tagħhom, trid tirrispetta d-dinjità umana u l-jeddijiet fundamentali ta' l-oħrajn. B'mod partikolari ma għandhomx, ............. jagħtu prominenza żejda lill-vjolenza jew li b'xi mod ixewxu għall-mibegħda razzjali.".

Minn naħa l-oħra, l-Artiklu 22a tad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar Televiżjoni Bla Fruntieri jgħid hekk:

> "L-Istati Membri jridu jiżguraw li x-xandiriet ma jkunx fihom tixwix għall-mibegħda dwar razza, ġens, reliġjon jew nazzjonalità.".

Waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' l-Awtoritajiet Regolatriċi fil-Qasam tax-Xandir li saret fi Brussel fis-17 ta' Marzu 2005 ġie miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Awtoritajiet Regolatriċi fl-Ewropa illi s-superviżjoni effettiva ta' *hate speech* setgħet biss tiġi garantita permezz tal-koperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Regolatriċi ta' l-Ewropa.

Il-Liġi Maltija

Il-Liġi Maltija tirregola l-mibegħda razzjali bil-liġijiet li ġejjin:

L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprojbixxi d-diskriminazzjoni tar-razza. L-ebda liġi ma tista' tipprovdi xi ħaġa li hi diskriminatorja fiha nfisha jew fir-riżultat tagħha. L-artikolu 45(3) ifisser id-diskriminazzjoni kif ġej:

> "45.(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn.".

L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u tal-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem jipprojbixxi wkoll id-diskriminazzjoni kif ġej:

> "14. It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess,

razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.".

L-artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

"82A.(1) Kull min juża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda razzjali jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali, jeħel, meta jinsab ħati, l-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu qabel dan "mibegħda razzjali" tfisser mibegħda kontra grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-kulur, razza, nazzjonalità (inkluża ċ-ċittadinanza) jew oriġini etnika jew nazzjonali.".

Fil-Kodiċi Kriminali hemm ukoll li f'każ ta' diversi atti kriminali* il-priġunerija tiżdied bi grad jew tnejn meta l-offiża tkun aggravata bir-razza jew bir-reliġjon, jiġifieri,

*a*) jekk meta ssir l-offiża, jew fil-pront qabel jew wara l-għemil ta' l-offiża, min jagħmilha juri ostilità lejn il-vittma mibnija fuq is-sħubija tal-vittma ma' xi razza jew grupp reliġjuż, inklużi s-sħubija mal-membri tal-grupp, jew preżunta sħubija (jiġifieri sħubija preżunta minn min jagħmel l-offiża) ta' xi grupp razzjali jew reliġjuż; jew

*b*) l-offiża tkun, kollha jew parti minnha, imqanqla, bl-ostilità lejn l-imsieħba ta' xi grupp razzjali dwar il-preżunta sħubija, minn min jagħmel l-offiża lill-grupp.

Għall-għanijiet tal-Kodiċi Kriminali, "grupp razzjali" tfisser grupp ta' nies magħruf b'referenza għar-razza, għall-kulur, għan-nazzjonalità (inkluża ċ-ċittadinanza) jew għall-oriġini etnika jew nazzjonali, u "grupp reliġjuż" tfisser grupp ta' nies magħruf b'referenza għat-twemmin reliġjuż jew nuqqas ta' twemmin reliġjuż.

L-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-Istampa jgħid hekk:

"6. Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att jhedded, jinsulta, jew jesponi għal mibegħda, persekuzzjoni jew disprezz, lil xi persuna jew grupp ta' persuni minħabba fir-razza, twemmin, kulur, nazzjonalità, sess, diżabilità kif definita fl-artikolu 2

---

*Ksur tal-liġi speċifiku fejn il-piena kif semmejna qabel tiżdied, huma dawk il-każi ta' offiża volontarja kontra persuna (bħal korriment fiżiku, gravi jew le); theddid; rikatt; vjolenza privata; splużjonijiet li jistgħu jipperikolaw il-ħajja jew il-proprjetà; meta jkun hemm mewt jew korriment gravi kaġunat minn esplożjoni; tkeċċija, eċċ., użu ta' aġġeġġ letali; ħruq li jipperikola l-ħajja ta' oħrajn; ħruq bħala periklu pubbliku; ħruq li ma jipperikolax il-ħajja; ħruq ta' għelieqi bid-dwieli, eċċ.; kif ukoll tħassir, tkissir jew korrimenti in ġenerali.

ta' l-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità jew oriġini nazzjonali jew etnika jeħel meta jinsab ħati priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur u multa.".

L-artikolu 13(2)(*a*) ta' l-Att tax-Xandir jghid hekk:

"13.(2) Ikun id-dmir ta' l-Awtorità li tissodisfa lilha nnifisha illi, kemm jista' jkun, il-programmi mxandra minn persuni li jagħtu servizz ta' xandir ta' smigħ jew ta' televizjoni f'Malta jkunu konformi ma' dawn il-ħtiġiet li ġejjin, jiġifieri -

(*a*) li ma jiddaħħal xejn fil-programmi li joffendi s-sentiment reliġjuż, gosti tajbin jew id-deċenza jew li x'aktarx jinkoraġġixxi jew iħajjar għall-kriminalità jew iwassal għal diżordni jew ikun offensiv għal sentimenti pubbliċi.

Tisfira Legali

Minn dan il-lat meta jinqara l-artikolu 13(2)(*a*) ta' l-Att tax-Xandir ma' l-artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali ma jiksirx il-liġi ta' l-espressjoni ħielsa ukoll jekk xi ftit jirrestrinġu li ssir f'soċjetà demokratika li tkun imsejsa skond l-istat tad-dritt.

L-Awtorità, b'din il-liġi nazzjonali u internazzjonali Ewropea msemmija hawn fuq quddiem għajnejha, adottat dawn il-Ħtiġijiet dwar Standards u Prattika ta' hawn taħt, skond l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, biex jgħinu lill-produtturi u lix-xandara lokali meta jkunu qed jaħdmu fuq affarijiet li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-mibegħda razzjali.

Ħtiġiet

**1.** Inkoraġġiment għall-Ugwaljanza Razzjali, għat-Tolleranza, u għad-Diversità

1.1 Ix-Xandara għandhom ikunu proattivi billi jinkoraġġixxu l-ugwaljanza razzjali fil-programmi tagħhom.

1.2 Ix-Xandara għandhom jagħrfu jagħżlu sewwa l-preżentaturi u dawk kollha li jieħdu sehem fi programm li jkollu x'jaqsam mar-razziżmu. F'għażliet bħal dawn, ix-xandara ma għandhomx jistiednu nies b'ideat jew opinjonijiet razzisti.

1.3 Ix-Xandara għandhom iħeġġu fil-programmi tagħhom it-tkattir ta' soċjetà multikulturali. Dan jista' jsir, ngħidu aħna, billi l-gruppi razzjali jkunu wkoll rappreżentati kemm jista' jkun minn membri tagħhom stess, u bix-xandara jħallu spazju biżżejjed sabiex in-nies issir taf b'kulturi oħra li hemm jeżistu fost il-Maltin u x'jaħsbu huma dwar l-imġiba u l-kultura Maltija.

1.4 Meta jkun hemm diskussjonijiet b'argumenti multikulturali, ix-xandara għandhom idaħħlu d-diversi ideat ta' gruppi etniċi u ta' twemmin differenti aktar milli sempliċement jirrapportaw kif jarawha huma minn dak li jafu jew semgħu. Ix-xandara għandhom ukoll iqisu d-differenzi lingwistiċi u kulturali li jħoss min ikun qed jiġi intervistat, u għandhom jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex l-intervistat iħossu komdu u l-intervista tkun

tirrifletti l-verità.

**2.** Il-Projbizzjoni ta' Kontenut Illegali

2.1 L-ebda programm ma jista' jkun fih materjal kontra l-liġi.

**3.** Ir-Rispett tad-Dinjità Umana u t-Trattament tal-Gruppi Razzjali

3.1 Min qed jara u jisma' għandu d-dritt jistenna li x-xandara juru r-responsabbiltà tagħhom billi jirrispettaw u jkattru d-dinjità umana kemm lejn individwi kif ukoll lejn individwi bħala msieħba ta' gruppi.

3.2 Ma għandux wieħed jinqeda ħażin b'individwi kif lanqas jimbarazzahom iżżejjed, jew li jġiegħel l-udjenza tħossha qed tintuza biex twassal id-dwejjaq ta' ħaddieħor.

3.3 Irid jingħata każ ta' l-effetti li jista' jkun hemm b' miżinterpretazzjoniet u nuqqas ta' rappreżentazzjoni meta tingħata stampa tal-gruppi razzjali vulnerabbli.

**4.** Mibegħda Razzjali

4.1 Ma għandhomx jittellgħu programmi biex iqanqlu mibegħda razzjali. L-iskeda tal-progammi għandha tirrifletti ċar il-kontribut tar-razez kollha fis-soċjetà.

4.2 Trid tinħarab terminoloġija razzista. Billi kummenti bla ħsieb jew dehriet stereotipati jistgħu jweġġgħu, dawn għandhom jiddaħħlu biss fejn u meta jiġġustifikaw il-kuntest tal-programm.

4.3 Għandu jingħata każ bis-serjetà dwar l-effett li jista' jkollu dak li hu tabilħaqq meqjus aċċettabbli jew le, fuq il-grupp etniku kif ukoll fuq il-popolazzjoni kollha u mhux lanqas minħabba fit-tibdil, minn żmien għal żmien, ta' l-attitudni pubblika.

**5.** Id-Diskriminazzjoni u r-rispett lejn il-Valuri Nazzjonali u Etniċi

5.1 Trid tinħarab il-preżentazzjoni jew id-dehra ta' nies li tista' b'xi mod tħeġġeġ tmaqdir jew diskriminazzjoni kontra xi ħadd jew xi qasam tal-komunità minhabba fir-razza, etniċità, nazzjonalità jew kulur. Dan mhux maħsub biex ma jixxandarx materjal li hu fattwali jew biex ma tinstamax opinjoni ġenwina fl-aħbarijiet jew programmi dwar affarijiet kurrenti jew f'xi kuntest ieħor leġittimu ta' xi xogħol umoristiku, satiriku jew drammatiku.

5.2 Il-mezzi tax-Xandir għandhom, il-ħin kollu, joqogħdu attenti mill-periklu li jista' jinħoloq meta deliberatament jew b'nuqqas ta' ħsieb ix-xandir iħeġġeġ id-diskriminazzjoni jew l-intolleranza. Minħabba f'dan il-periklu, il-mezzi tax-xandir iridu joqogħdu attenti għall-fatt li ma jistgħux ixewxu jew jixegħlu l-mibegħda jew l-inugwaljanza minħabba f'raġunijiet etniċi, ta' nazzjonalità, ta' razza jew ta' kulur, jew ukoll iħeġġu għemejjel ta' vjolenza kriminali, għax dawn kollha huma pprojbiti bil-liġi.

5.3 Li tibqa' imparzjali meta ssemmi inċidenti ta' mibegħda razzjali jista' jagħti wieħed x'jifhem li tkun qed taqbel magħhom. Għaldaqstant ix-xandara kollha għandhom jagħmlu l-qagħda tagħhom ċara kontra d-diskriminazzjoni razzjali.

5.4 Ix-xandara jridu jaħarbu referenzi insolenti jew preġudizzjali lejn il-grupp etniku, in-nazzjonalità, ir-razza jew il-kulur ta' xi ħadd. Referenza lejn il-grupp etniku, in-nazzjonalità, ir-razza jew il-kulur ta' xi ħadd għandha ssir biss meta jkollha x'taqsam direttament ma' dak li jkun qed jiġi rapportat.

5.5 Ix-xandar irid jirrispetta l-valuri etniċi u nazzjonali. Biex jagħmel dan, xandar ma jridx joħroġ materjal li jħeġġeġ id-diskriminazzjoni minħabba f'etnicità, razza, nazzjonalità jew kulur.

**6.** Il-Vjolenza kontra gruppi speċifiċi

6.1 Ix-xandara ma jistgħux joħorġu programmi li japprovaw, jinkoraġġixxu jew isebbħu l-vjolenza msejsa fuq ir-razza, in-nazzjon jew l-oriġini etnika jew ukoll il-kulur.

**7.** L-Oppożizzjoni Politika u r-Refuġjati

7.1 Meta x-xandara jirrapportaw fuq pajjiżi fejn l-oppożizzjoni għall-gvern timplika riskju għas-saħħa u l-ħajja, iridu dejjem iqisu jekk ismijiet msemmija jew dehriet ta' stampi jistgħux iwasslu biex dawn in-nies jintgħarfu u jaslu wkoll biex jiġu persegwitati. Dan japplika wkoll għar-rapporti dwar ir-refuġjati. Ix-xandir ta' dettalji li jidentifikaw ir-refuġjati, il-mod u mnejn għaddew biex ħarbu kif ukoll ħejjew it-triq u ħadmu l-ħarba jista' b'xi mod jipperikola l-qagħda tal-familji tagħhom u ħbiebhom li ħallew warajhom jew inkella jsibu magħluqa dawk ir-rotot li minnhom jistgħu jaħarbu refuġjati oħra. Meta x-xandara jkollhom xi dubju għandhom jużaw l-akbar prudenza biex jipproteġu l-identità ta' dak li qed ifittex rifuġju jew kenn. Skond l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, legalment jinħtieġ permess biex tistampa jew ixxandar ir-ritratt ta' xi ħadd u għalhekk dan il-permess għandu jintalab minn qabel.

**8.** Atti ta' vjolenza mqanqla minn tilwim u ġlied

8.1 Aħbarijiet, fehmiet jew kommenti li għandhom x'jaqsmu ma' tilwin jew ġlied etniku jew reliġjuż lokali għandhom biss jixxandru wara li jsir stħarriġ sewwa ta' dak li jkun ġara, u għandhom jintwerew bl-akbar kawtela u kontroll kif ukoll b'tali mod li jwassal biex tintlaħaq dik l-atmosfera li taqbel ma' l-armonija, il-ħbiberija u s-sliem nazzjonali.

8.2 Ma għandhomx joħorġu titoli jew programmar sensazzjonali, provokattiv u allarmanti.

8.3 Ma jridux jinkitbu kommentarji ta' aħbarijiet rapportati b'mod li jistgħu jsaħħnu lis-semmiegħa, jaggravaw it-tensjoni jew iżidu l-imġiba ġa mġebbda bejn il-komunitajiet konċernati. Għaldaqstant ma għandux jintuża lingwaġġ imasħħan b'terminoloġija li tista' tagħti impressjoni ħażina ta' gruppi etniċi jew reliġjużi.

8.4 Ma għandomx jixxandru programmi li jistgħu jkomplu jħarrxu l-inkwiet fil-komunità.

8.5 Għandu jittieħed b'ċerta sensittività t-tqegħid flimkien ta' programmi, maħsuba jirrapportaw aħbarijiet negattivi u dawk li jinkoraġġixxu l-ugwaljanza razzjali biex jintqies sewwa l-impatt aħħari li dan jista' jkollu fuq min qed jara u qed jisma'.

**9.** X'għandu jagħmel ix-Xandar

9.1 Iżomm 'il bogħod milli jinqeda bil-preġudizzju.

9.2 Jivverifika l-fatti.

9.3 Ma jħallix li l-aħbarijiet tax-xandar ikunu influwenzati minn kif jippreżentawhom oħrajn.

9.4 Jara xi jkun hemm wara l-istorja.

9.5 Jisma' lin-nies li x-xandar qed tikteb dwarhom.

9.6 Ma jagħtihiex isem jekk mhux meħtieġ.

9.7 Jieħu ħsieb li jara l-veduti fil-bogħod.

9.8 Jiftakar li kull persuna ġejja minn twemmin jew etniċità differenti għandha l-jedd għar-rispett tad-dinjità umana. Għaldaqstant trid tkun indirizzata bl-istess rispett li jingħata lill-oħrajn.

9.9 L-ugwaljanza razzjali hija dritt fundamentali tal-bniedem li jrid jiġi osservat mix-xandar u minn dawk kollha li jkunu qed jisimgħu jew jaraw.

**10.** Awtoregolazzjoni mill-Mezzi tax-Xandir

10.1 Ix-xandara għandhom jibnu proċedura fejn ikun faċli li jsir ilment u jieħdu l-inizjattiva li jgħarrfu biha lill-pubbliku kif ukoll u b'mod speċjali lill-gruppi vulnernabbli.

10.2 Is-sidien tal-mezzi u l-edituri reġistrati għandhom jappoġġaw bis-sħiħ dawn il-Ħtiġiet.

10.3 Is-sidien tal-mezzi għandhom jinkoraġġixxu l-livelli etniċi tajba fost l-edituri u l-ġurnalisti u jkabbru l-għarfien dwar dawn il-Ħtiġiet. Taħriġ fuq dawn il-Ħtiġiet għandu jkun element ta' taħriġ normali għal min ikun ġurnalista.